

Brussell, 28 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5730/21

AGRI 38
AGRIFIN 7
FIN 70

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 43 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar in-nefqa tal-FAEG Sistema ta' Twissija Bikrija Nru 11-12/2020

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 43 final.

Mehmuż: COM(2021) 43 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.1.2021
COM(2021) 43 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar in-nefqa tal-FAEG

Sistema ta' Twissija Bikrija Nru 11-12/2020

Werrej

1.	IL-PROĊEDURA TAL-BAGĦIT TAL-FAEG TAL-2020	2
2.	ID-DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG.....	2
3.	KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI PROVIŻORJA TAL-BAGĦIT TAL-FAEG GĦALL-2020	3
3.1.	Miżuri tas-suq.....	4
	Żejt taż-żebbuġa – 05 02 06	4
	Frott u ħaxix – 05 02 08.....	4
	Prodotti tas-settur vinikolu – 05 02 09.....	4
	Promozzjoni – 05 02 10	4
	Laħam tal-majjal, bajd u pollam u prodotti oħra tal-annimali – 05 02 15	5
	Skemi tal-iskejjel – 05 02 18	5
3.2.	Pagamenti diretti.....	5
	Pagamenti diretti diżakkoppjati – 05 03 01.....	5
4.	IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG.....	5
5.	KONKLUŻJONIJIET	6

ANNES: KONSUM PROVIŻORJU TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-FAEG SAL-31/12/2020

1. IL-PROĊEDURA TAL-BAĠIT TAL-FAEG TAL-2020

Fis-27 ta' Novembru 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2020. Għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), il-baġit kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ta' EUR 43 410 miljun u EUR 43 380 miljun rispettivament għall-pagamenti diretti u għan-nefqa relatata mas-suq.

Ir-raġuni għall-ammonti differenti għaż-żewġ tipi ta' approprjazzjonijiet hija l-użu ta' approprjazzjonijiet differenzjati għal ċerti miżuri implimentati direttament mill-Kummissjoni. Dawn huma prinċipalment relatati ma' miżuri ta' promozzjoni għal prodotti agrikoli u ma' miżuri ta' strateġija u ta' koordinazzjoni tal-politiki.

2. ID-DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG

Abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, id-dħul li joriġina minn korrezzjonijiet finanzjarji skont deċizzjonijiet dwar il-kontabbiltà u l-approvazzjoni tal-konformità, kif ukoll minn irregolaritajiet, jikkostitwixxi dħul assenjat għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG.

Skont dawn id-dispożizzjonijiet, id-dħul assenjat jista' jkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' kwalunkwe nefqa tal-FAEG. Kwalunkwe parti minn dan id-dħul li tibqa' ma tintużax matul is-sena baġitarja tiġi riportata awtomatikament għas-sena baġitarja ta' wara¹.

Il-baġit tal-FAEG tal-2020 jinkludi:

- l-aħħar stimi tal-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-miżuri tas-suq u għall-pagamenti diretti,
- l-istimi tad-dħul assenjat li jrid jinġabar matul is-sena baġitarja,
- u r-riportar tal-bilanċ tad-dħul assenjat li jkun fadal mis-sena baġitarja ta' qabel.

Fil-proposta tagħha għall-appropriazzjonijiet baġitarji tal-FAEG tal-2020, il-Kummissjoni kkunsidrat id-dħul assenjat mistenni totali u, għall-baġit tal-2020 talbet livell ta' approprjazzjonijiet ikkalkulat billi l-istima tad-dħul assenjat titnaqqas mill-istima tal-ħtiġijiet. L-Awtorità tal-Baġit adottat il-baġit tal-FAEG filwaqt li qieset id-dħul assenjat mistenni.

Meta ġie stabbilit il-baġit tal-2020, l-istimi tal-Kummissjoni għad-dħul assenjat disponibbli kienu jammontaw għal EUR 1 071 miljun, li kienu magħmulin minn dawn li ġejjin:

- id-dħul assenjat mistenni li jiġi ġġenerat matul is-sena baġitarja tal-2020, li huwa stmat li jammonta għal EUR 719-il miljun (EUR 592 miljun mill-korrezzjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità, u EUR 127 miljun mill-irregolaritajiet);

¹

L-Artikolu 12(4)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, jiddetermina li l-appropriazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat intern jistgħu jiġi riportati biss għas-sena finanzjarja ta' wara. Għalhekk, fl-interessi ta' ġestjoni soda tal-baġit, dan id-dħul assenjat ġeneralment jintuża l-ewwel, qabel kull approprjazzjoni vvutata tal-artikolu baġitarju kkonċernat.

- id-dħul assenjat li jrid jiġi riportat mill-2019, li huwa stmat li jammonta għal EUR 352 miljun.

Il-Kummissjoni assenjat din l-istima tad-dħul ta' EUR 1 071 miljun għall-iskemi li ġejjin, kif ġej:

- EUR 150 miljun għall-fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u tal-ħaxix; u
- EUR 921 miljun għall-iskema ta' pagament bażiku.

Is-somma tal-appropriazzjonijiet ivvutati u tad-dħul assenjat għal dawn l-iskemi tikkorrispondu għal:

- EUR 849 miljun għall-fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u tal-ħaxix, u
- EUR 17 038 miljun għall-iskema ta' pagament bażiku.

Fl-anness, li jippreżenta l-eżekuzzjoni proviżorja tal-baġit għall-2020, iċ-ċifri tal-appropriazzjonijiet baġitarji fil-livell tal-artikoli għas-settur tal-frott u tal-ħaxix u għall-pagamenti diretti diżakkoppjati, ma jkissux id-dħul assenjat imsemmi hawn fuq. Jippreżentaw appropriazzjonijiet ivvutati għal dawn l-artikoli li jammontaw għal EUR 700,5 miljun u għal EUR 34 574 miljun rispettivament.

Wara li jiġi inkluż id-dħul assenjat għal dawn l-artikoli, l-ammonti totali previsti fil-baġit tal-2020 huma ta' EUR 850,5 miljun għas-settur tal-frott u tal-ħaxix u ta' EUR 35 495 miljun għall-pagamenti diretti diżakkoppjati.

3. KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI PROVIŻORJA TAL-BAĠIT TAL-FAEG Għall-2020

Dan ir-rapport jippreżenta l-implimentazzjoni proviżorja tal-baġit tal-FAEG għall-2020 u d-dettalji dwar dan qed jingħataw fl-Anness.

L-anness ta' dan ir-rapport jippreżenta l-implimentazzjoni proviżorja tal-baġit għall-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru 2019 u l-31 ta' Diċembru 2020.

In-nefqa mġarrba sal-15 ta' Ottubru 2020 tammonta għal EUR 43 835,5 miljun, u tinkludi n-nefqa tal-FAEG b'ġestjoni kondiviża kif iddikjarata mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2019 u l-15 ta' Ottubru 2020 u t-tnaqqis tar-rimborżi ta' kull xahar imposti matul is-sena baġitarja. In-nefqa totali tinkludi wkoll stima ta' nefqa b'ġestjoni diretta, li tammonta għal madwar EUR 23,1 miljun, li għadha prevista li ssir sal-31 ta' Diċembru 2020.

Hawn taħt qed jingħata kummentarju qasir dwar ċerti artikoli baġitarji, li juri l-iktar differenzi sinifikanti bejn in-nefqa reali mġarrba u l-appropriazzjonijiet korrispondenti inklużi fil-baġit tal-2020.

3.1. Miżuri tas-suq

L-użu tal-appropriazzjonijiet għall-interventi fis-swieq agrikoli jammonta għal EUR 2 662,4 miljun, li b'mod kumplessiv kien EUR 83,6 miljun ogħla mill-appropriazzjonijiet ivvutati. Dan l-użu jinkludi stima tan-nefqa b'ġestjoni diretta għall-miżuri ta' promozzjoni ta' EUR 8,1 miljun, li għadha prevista li ssir sal-31 ta' Diċembru 2020. Madankollu, meta wieħed iqis id-dħul assenjat ta'

EUR 150 miljun allokati għall-iskema tal-frott u tal-ħaxix, dan iwassal għal sottoeżekuzzjoni ta' EUR 66,4 miljun.

L-użu tal-appropriazzjonijiet kien partikolarment iktar baxx milli mistenni għall-artikoli baġitarji li ġejjin: iż-żejt taż-żebuga; il-promozzjoni; il-laħam tal-majjal, il-bajd u l-pollam u prodotti oħra tal-annimali; u l-iskemi tal-iskejjel. Min-naħa l-oħra, in-nefqa li saret għas-settur tal-frott u tal-ħaxix kif ukoll għas-settur tal-inbid qabżet il-ħtiġijiet ibbaġitjati.

Żejt taż-żebuga – 05 02 06

L-użu finali għal dan l-artikolu baġitarju jwassal għal sottoeżekuzzjoni ta' EUR 11-il miljun, l-iktar minħabba li fi Stat Membru wieħed b'shem importanti f'dan l-artikolu baġitarju, il-livell tal-pagamenti kien inqas milli kien mistenni.

Frott u ħaxix – 05 02 08

Is-sovraeżekuzzjoni apparenti ta' EUR 153,5 miljun tqis EUR 48,7 miljun ta' rinfurzar permezz tal-Baġit Emendatorju Nru 9/2020, iżda ma tqisx l-istima tad-dħul assenjat li tammonta għal EUR 150 miljun meta jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet għal dan l-artikolu baġitarju. Meta tiġi inkluża din l-istima tad-dħul assenjat, is-sovraeżekuzzjoni tammonta biss għal EUR 3,5 miljun jew + 0,4 % tal-baġit previst (ara n-nota f'qiegħ il-paġna (*) fl-Anness).

Prodotti tas-settur vinikolu – 05 02 09

L-użu finali għal dan l-artikolu baġitarju jwassal għal sovraeżekuzzjoni ta' EUR 30,5 miljun. In-nefqa tinkludi appoġġ għall-miżuri eċċezzjonali ta' kriżi adottati f'nofs l-2020, biex ipatti għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tal-inbid.

Promozzjoni – 05 02 10

L-implimentazzjoni turi sottoeżekuzzjoni ta' EUR 9,3 miljun. Minn dan l-ammont, huwa mistenni li EUR 8,1 miljun jiġu implimentati taħt il-partita tal-baġit b'ġestjoni diretta (05 02 10 02) qabel tmiem is-sena.

Laħam tal-majjal, bajd u pollam u prodotti oħra tal-annimali – 05 02 15

Għal dan l-artikolu, in-nefqa ddikjarata mill-Istati Membri kienet iktar baxxa minn dik prevista mill-baġit (- EUR 21,0 miljun). Ir-raġuni ewlenija ta' din is-sottoeżekuzzjoni kienet l-użu baxx (- EUR 18,5-il miljun) tal-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ relatati mat-tifqigħat tal-influenza avjarja fi Stat Membru wieħed.

Skemi tal-iskejjel – 05 02 18

L-implimentazzjoni kienet EUR 52,9 miljun iktar baxxa minn dik ibbaġitjata. Dan jirrifletti r-riperkussjonijiet prattiċi li nqalgħu minħabba l-pandemija tal-COVID-19 għall-implimentazzjoni ta' din l-iskema, b'mod partikolari għad-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ħalib u tal-frott u tal-ħaxix b'rabta mas-sena skolastika 2019/2020.

3.2. Pagamenti diretti

In-nefqa għall-pagamenti diretti tammonta għal EUR 40 933,8 miljun li huwa 100,05 % tal-appropriazzjonijiet ivvutati (EUR 40 143 miljun) u d-dħul assenjat realment disponibbli (EUR 769,2 miljun) taħt dan il-kapitolu. B'konsegwenza ta' dan, in-nuqqas baġitarju taħt dan il-kapitolu huwa ta' EUR 21,6 miljun.

Pagamenti diretti diżakkoppjati – 05 03 01

Meta jitqies id-dħul assenjat disponibbli taħt dan l-artikolu (EUR 769,2 miljun), l-eżekuzzjoni taqbeż l-appropriazzjonijiet disponibbli b'EUR 60,6 miljun. B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' pagament dirett taħt dan l-artikolu baġitarju tjiebet iktar meta mqabbla mas-snin ta' qabel, u dan jirrifletti li s-sena baġitarja 2020 diġà hija l-ħames sena ta' implimentazzjoni tar-riforma tal-PAK tal-2013.

Pagamenti diretti oħra – 05 03 02

In-nefqa finali għal “Pagamenti diretti oħra” kienet qrib l-ammont ibbaġitjat (- EUR 39,0 miljun). L-eżekuzzjoni żdiedet meta mqabbla mal-2019, b'mod partikolari peress li l-ħtiġijiet imnaqqa tal-iskema għall-bdiewa żgħar kienu antiċipati. Is-sottoeżekuzzjoni hija prinċipalment dovuta għall-iskema ta' appoġġ akkoppjat volontarju.

4. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG

It-tabella fl-anness turi li d-dħul assenjat totali eventwalment disponibbli fl-2020 jammonta għal EUR 919,2 miljun, b'mod partikolari:

- id-dħul mill-korrezzjonijiet abbażi ta' deċiżjonijiet dwar il-kontabbilità u l-approvazzjoni tal-konformità ammonta għal EUR 441,2 miljun, b'ammonti minuri li għadhom mistennija jaslu sa għeluq is-sena baġitarja. Id-dħul assenjat miġbur kien EUR 150,8 miljun inqas mill-istima fiż-żmien tal-adozzjoni tal-baġit, primarjament minħabba s-saldu finanzjarju wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-252/18P;
- id-dħul mill-irregolaritajiet ammonta għal EUR 127,9 miljun, u
- xi dħul residwu mill-imposta fuq il-ħalib li kien jammonta għal EUR 1,9 miljun.

Fl-aħħar nett, l-ammont ta' dħul assenjat riportat mill-2019 għall-2020 kien EUR 348,2 miljun, li huwa kważi EUR 4 miljun inqas milli antiċipat meta ġie adottat il-baġit tal-2020.

Il-bilanċ eventwali tad-dħul li ma ntużax fis-sena baġitarja 2020 se jiġi riportat għas-sena finanzjarja 2021 sabiex jikkontribwixxi għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG għal dik is-sena.

5. KONKLUŻJONIJIET

L-eżekuzzjoni proviżorja tal-appropriazzjonijiet baġitarji tal-FAEG għall-2020, għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2020, inkluż l-istima tan-nefqa għall-azzjonijiet b'ġestjoni diretta mill-Kummissjoni, twassal għal sovraeżekuzzjoni ta' EUR 926,5 miljun meta mqabbel mal-appropriazzjonijiet ivvutati oriġinali tal-baġit.

Din is-sovraeżekuzzjoni kienet koperta mid-dħul assenjat disponibbli ta' EUR 919,2-il miljun u mill-appropriazzjonijiet ivvutati bil-Baġit Emendatorju Nru 9/2020.

Tabilħaqq, peress li n-nuqqas tal-baġit kien diġà antiċipat wara d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u l-previżjonijiet ta' Awwissu mill-Istati Membri, il-Kummissjoni kienet ipproponiet rinfurzar ta' EUR 48,7 miljun għall-FAEG li ġie adottat bil-Baġit Emendatorju Nru 9/2020. Għalhekk, l-eżekuzzjoni finali tal-baġit tal-2020 se tiddependi fuq id-dħul assenjat li jasal u mill-korrezzjonijiet finanzjarji li jridu jiġu applikati għall-pagament supplimentari lill-Istati Membri.

Ir-riżerva għall-kriżi ma ntużatx fl-2020 (EUR 478 miljun). Għaldaqstant, l-ammont tad-dixxiplina finanzjarja applikat realment fl-2020 se jkun disponibbli għar-riportar tal-appropriazzjonijiet għall-2021 għar-rimborż tal-pagamenti diretti lill-benefiċjarji.